**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 273/05VG**

**CREDAL e-business Ltd.**

**Vs**

**Computer Domain Ltd.**

**Illum 7 ta' April 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà CREDAL e-business Ltd. (precedentement maghrufa bl-isem E-Business Ltd.) fl-10 ta' Mejju 2005 permezz ta' liema titlob li s-socjetà Computer Domain Ltd. tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elfejn tmien mija tnejn u tletin Lira Maltija (Lm2,832), illum ekwivalenti ghal €6,596.78, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta skond skrittura privata datata 16 ta' Gunju 2003, flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Frar 2005, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjetà Computer Domain Ltd.;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà Computer Domain Ltd. permezz ta' liema teccepixxi li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-merkanzija in kwistjoni konsistenti f'*software* mibjugha lilha ma kenitx tal-kwalità pattwita u in oltre l-istess merkanzija qatt ma giet ikkonsenjata lilha;

Rat il-Kontro-Talba tas-socjetà Computer Domain Ltd. permezz ta' liema titlob li s-socjetà CREDAL e-business Ltd. tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf tmien mija u erbghin Lira Maltija (Lm1,840), illum ekwivalenti ghal €4,286.04, rapprezentanti danni sofferti minnha stante li hija hallset ghal prodott li qatt ma gie kkonsenjat lilha mill-imsemmija socjetà, bl-ispejjez kontra s-socjetà CREDAL e-business Ltd.;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà CREDAL e-business Ltd. permezz ta' liema teccepixxi li: (i) it-talbiet imressqa bil-Kontro-Talba huma rritwali u nulli stante li t-talba hekk kif proposta ghad-danni ma tregix; (ii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet imressqa fil-Kontro-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li in forza tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 2003 hija bieghet lis-socjetà Computer Domain Ltd. xi *software* kif minnha allegat; (iii) dejjem bla pregudizzju ghal dak appena eccepit, it-talbiet imressqa fil-Kontro-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li in forza tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 2003, is-socjetà Computer Domain Ltd. hallset is-somma ta' Lm1,840 ghal prodott li qatt ma inghata lilha; (iv) bla pregudizzju ghal tali eccezzjonijiet, it-talbiet imressqa fil-Kontro-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjetà Computer Domain Ltd. peress illi l-istess socjetà kellha kull dritt li tittermina l-ftehim u dana ai termini tal-Klawsola Numru 7 ta' l-istess ftehim; u (v) bla pregudizzju ghal dak kollu eccepit, it-talbiet imressqa fil-Kontro-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma kontradittorji meta kkomparati man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet imressqa mill-istess socjetà Computer Domain Ltd.;

Semghet ix-xhieda ta' Stephen D'Alessandro in rapprezentanza tas-socjetà attrici moghtija waqt is-seduti tat-2 ta' Marzu 2006[1], tat-13 ta' Marzu 2006[2] u tas-17 ta' Ottubru 2006[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SD1" u Dok. "SD2" a fol. 22 sa' 27 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Nicholas Callus in rapprezentanza tas-socjetà konvenuta moghtija waqt is-seduti tat-13 ta' Marzu 2006[4], tas-17 ta' Ottubru 2006[5] u ta' l-24 ta' Jannar 2007[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "NC1" u Dok. "NC2" a fol. 33 sa' 36 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Nemanja Nikolic moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2006[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "NN" a fol. 53 sa' 92 tal-process, rat id-dokument, ossia *pendrive*, esebit mis-socjetà attrici markat Dok. "CEB" permezz ta' Nota pprezentata fit-28 ta' Frar 2008 a fol. 114 u 115 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 100 sa' 104 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta a fol. 107 sa' 109 tal-process;

Ra ir-Rapport tal-Perit Tekniku l-Avukat Dottor Martin Bajada a fol. 138 sa' 259 tal-process u semghet ix-xhieda moghtija mill-istess Perit Tekniku waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012[8];

---

[1] Fol. 18 sa' 21 tal-process.
[2] Fol. 29 tal-process.
[3] Fol. 42 u 43 tal-process.
[4] Fol. 30 sa' 32 tal-process.
[5] Fol. 40 u 41 tal-process.
[6] Fol. 94 sa' 96 tal-process.
[7] Fol. 45 sa' 52 tal-process.
[8] Fol. 261 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' Lm2,832, illum ekwivalenti ghal €6,596.78, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta skond skrittura privata datata 16 ta' Gunju 2003, flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba tas-socjetà attrici bl-eccezzjoni li tali talba ghandha tigi michuda stante li l-merkanzija, konsistenti f'*software*, mibjugha lilha ma kenitx tal-kwalità pattwita w in oltre l-istess merkanzija qatt ma giet ikkonsenjata lilha. Permezz ta' Kontro-Talba s-socjetà konvenuta a sua volta titlob li s-socjetà attrici tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Lm1,840, illum ekwivalenti ghal €4,286.04, rapprezentanti danni sofferti minnha stante li hija hallset ghal prodott li qatt ma gie kkonsenjat lilha mill-imsemmija socjetà attrici. Ghal tali talba avvanzata mis-socjetà konvenuta s-socjetà attrici teccepixxi li t-talba imressqa bil-Kontro-Talba ghandha tigi michuda in kwantu (i) irritwali u nulla stante li t-talba hekk kif proposta ghad-danni ma tregix; (ii) mhux minnu li in forza tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 2003 hija bieghet lis-socjetà attrici xi *software* kif minnha allegat; (iii) mhux minnu li in forza tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 2003, is-socjetà konvenuta hallistha s-somma ta' Lm1,840 ghal prodott li qatt ma nghata lilha; (iv) l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjetà konvenuta peress illi l-istess socjetà kellha kull dritt li tittermina l-ftehim u dana ai termini tal-Klawsola Numru 7 ta' l-istess ftehim; u in kwantu (v) hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li hija kontradittorja meta ikkomparata man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet imressqa mill-istess socjetà konvenuta.

Mill-provi prodotti jirrizulta li in forza ta' skrittura privata datata 16 ta' Gunju 2003[9], is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta ftehmu, fost affarijiet ohra, illi: (1) *EBL is to appoint CDL as exclusive agents responsible for the marketing, distribution, sales of its web-based e-learning systems specified in Appendix I, within the geographic regions of Malta and Libya, an in line with the System Service Parameters specified for each product which are included in the same appendix to this agreement…*; (2) *EBL is to retain all intellectual property rights on the e-learning systems it supplies to CDL for marketing, distribution and sales in the specified regions. …*; (3) *CDL is to assume all costs related to the marketing, distribution, sales and aftersales client/user support of the e-learning systems provided by EBL and shall bear all responsibilities related to its commitments to third parties that do not conform to the service parameters set for each product by EBL; …* (5) *in view of the role of the parties envisaged in this agreement, CDL is to pay a one-time fee of FOUR THOUSAND MALTESE LIRI (Lm4,000) for the rights envisaged in this agreement and is subsequently to bill clients directly for the e-learning products sold. It is to pay forty percent of this amount upon*

[9] Dok. "SD1" a fol. 22 sa' 25 tal-process.

*signing this agreement with the remaining balance being settled upon commissioning of the e-learning system. Once the master system is developed and commissioned CDL will be given FREE OF CHARGE a client version for its own use, for which it will only be bound to pay hosting and maintenance fees as per Appendix 2. It can then sell further client versions to third parties within Malta and Libya. It is to pay royalties of THIRTY FIVE PERCENT (35%) to EBL for such products. ...*; (7) *EBL/CDL reserve the right to unilaterally withdraw from this agreement if either party is in breach of any of the clauses of this agreement.*

Is-socjetà attrici tibbaza l-pretensjoni taghha fil-konfront tas-socjetà konvenuta fuq dan il-ftehim li hija tiddefenih bhala *'agency agreement'* u tikkontendi li l-ammont dovut lilha skond tali ftehim ma huwa marbut ma' l-ebda bejgh ta' merkanzija kif invece eccepit mis-socjetà konvenuta stante li l-ftehim kien appuntu li s-*software* jinghata lis-socjetà konvenuta *free of charge*. Is-socjetà attrici tishaq fuq tali punt u tikkontendi li l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta u il-konsegwenti Kontro-Talba taghha in kwantu impustati fuq l-allegat bejgh ta' *software* ma ghandhomx jigu milqugha proprio ghaliex bejnha u l-imsemmija socjetà ma sehh ebda bejgh ta' merkanzija, senjatament ta' *software*. In effetti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà attrici tikkontendi li *galadarba gie ppruvat u johrog car anke mill-istess skrittura de quo illi ma kien hemm ebda bejgh ta' software, is-socjetà konvenuta ma tistax la teccepixxi illi l-merkanzija ma kenitx tal-kwalità pattwita u wisq anqas tressaq azzjoni fuq din l-istess pretiza*[10].

Fil-fehma tal-Qorti però tali argument avvanzat mis-socjetà attrici in sostenn tat-talba principali taghha huwa wiehed semplicistiku zzejjed u, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, guridikament zbaljat. In effetti dak li ghandha tipprova s-socjetà attrici a sodisfazzjon tal-Qorti sabiex tirnexxi l-azzjoni taghha fil-konfront tas-socjetà konvenuta ma huwiex tant jekk hija bieghetx o meno *software* lill-imsemmija socjetà izda li s-socjetà konvenuta hija effettivament debitrici taghha. Hekk kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, *l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minn vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju 'actor non probante, resu absolvitur'*.

Mill-Klawsola 5 ta' l-iskrittura privata datata 16 ta' Gunju 2003 jirrizulta b'mod car li l-jedd tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm2,832, ossia il-bilanc ta' Lm2,400 mis-somma originali ta' Lm4,000 u l-VAT fuq tali bilanc, ma jirrizultax mis-semplici fatt li giet iffirmata din l-iskrittura privata bejnha u is-socjetà konvenuta izda tali bilanc kellu jkun dovut u pagabbli ***upon commissioning of the e-learning system***[11]. B'hekk l-ewwel qabel kollox is-socjetà attrici trid tipprova a sodisfazzjon tal-

[10] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 100 sa' 104 tal-process.
[11] Enfasi tal-Qorti.

Qorti li sehh il-*commissioning of the e-learning system* biex b'hekk jirrizulta l-jedd ghall-hlas minnha pretiz, prova però li fil-fehma tal-Qorti ma saritx.

Il-provi f'dawn il-proceduri essenzjalment jikkonsistu fix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti Stephen D'Alessandro u Nicholas Callus, ta' Nemanja Nikolic, li fiz-zmien kien responsabbli mill-*operation business* tas-socjetà attrici, u fl-esebizzjoni ta' dokumenti konsistenti maggorment fi skambju ta' e-mails bejn l-istess rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti koncernanti n-negozju in kwistjoni.

Ghalkemm fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2006[12] Stephen D'Alessandro, Managing Director tas-socjetà attrici, iddikjara li *meta ghamilna il-ftehim fis-16 ta' Gunju 2003, is-socjetà konvenuta hallset circa l-ammont ta' elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm1,600) u ghalhekk fadal bilanc ta' elfejn, tmien mija u tletin Lira Maltin (Lm2,832) li huwa l-ammont illi qeghdin nirreklamaw fl-avviz. Fl-eccezzjonijiet taghha s-socjetà konvenuta qalet illi s-socjetà attrici bieghet software lis-socjetà konvenuta, nghid li dan m'huwiex minnu. Kif digà ghedt, is-software illi ahna kkonsenjana lis-socjetà konvenuta kien skond il-ftehim illi semmejt u li kien moghti b'xejn min-naha taghna. Fit-27 ta' Awwissu 2003 kellna laqgha bejnietna fejn hemmhekk is-sistema setghet tigi operata, fejn tajnihom il-username u l-password fejn allura s-socjetà konvenuta kellha access ghal dan is-software. Ghalina dak huwa l-mument meta s-software ikun commissioned, ghal dak illi huwa testing. Il-final commissioning isir meta dan is-software jitqieghed il-kontenut jew dak kollu li s-socjetà konvenuta jew il-klijent jidhirlu li ghandu jqieghed fis-site, halli dan ikun available fuq l-internet u jkun jista' jikkuntattja direttament mal-klijenti*, in kontro-ezami waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2006[13] l-istess Stephen D'Alessandro iddikjara *mistoqsi jekk il-final commissioning sarx, nghid illi fil-fatt il-final commissioning tas-sistema qatt ma sar. Skond il-ftehim illi kien hemm bejnietna s-socjetà attrici kellha tipprovdi user and technical manuals. Mistoqsi jekk dawn gewx fil-fatt ipprovduti, nghid li m'inhix cert, ikolli nivverifika mas-Sur Nikolic illi kien il-persuna li kien qed jikkoordina s-sistema. Nista' nikkonferma li meta dan l-ahhar telaq, halla f'idejna l-materjal kollu. Naf illi manual jezisti, però m'inhix cert jekk inghatax jew le. Jekk il-user manual ma inghatax, dan sar il-ghaliex il-pagamenti ma sarux. Mistoqsi jekk fil-fatt il-manual ma inghatax ghax il-prodott ma kienx lest, nghid illi manual ma jigix mizmum ghal dik ir-raguni. Dan il-prodott m'huwiex xi haga li ghandu finalità tieghu, xi haga illi dejjem tibqa' tigi zviluppata u ghalhekk qatt ma tista' tghid illi ghandek il-prodott lest* – izda imbaghad fl-istess nifs jghid *meta l-prodott ikun commissioned generalment imbaghad naghti l-manual f'dak l-istadju.*

Minn din ix-xhieda jirrizulta ammess mill-istess Stephen D'Alessandro illi fir-rigward tas-*software* in kwistjoni, ossia l-*e-learning system* li kienet qed tigi

[12] Fol. 18 sa' 21 tal-process.
[13] Fol. 42 u 43 tal-process.

zviluppata mis-socjetà attrici, il-*commissioning* ta' l-istess – li in bazi tieghu kellu jiskatta d-dritt ghall-hlas tal-bilanc pretiz mis-socjetà attrici – baqa' qatt ma sar. Il-fatt li tali *commissioning* ta' l-*e-learning system* baqa' ma sarx jirrizulta wkoll mix-xhieda li ta Nemanja Nikolic waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2006[14], li kif già iktar 'l fuq osservat fiz-zmien kien responsabbli ta' l-*operation business* tas-socjetà attrici. In ezami huwa ddikjara li wara li gie iffirmat il-ftehim tas-16 ta' Gunju 2003, *according to the initial requirements of Mr. Callus, these were met and delivered on time at the end of August or beginning of September of the same year. That was when we actually delivered the username and password to Mr. Callus who could then log in and be able to use and develop on the system. … In October of the same year we met for a valuation of the system and during this meeting Mr. Callus asked me if I could add some features to the system, which we accepted to do. The system was working because if you can log into the system and evaluate it, it means that it was working* u in kontro-ezami ddikjara li *as I said in my evidence after we provided Mr. Callus with the log-in and password, he could access the system and evaluate it. By evaluation I mean that he can have access, he can add documents and populate the available documents. It is possible that I was giving Mr. Callus new addresses, but the main domain remained the same. … During our discussions I did provide Mr. Callus with what is known as PowerPoint Demo and he also had the chance to log in and follow what is going on during the development of the system. Although he did not use this faculty because of pressure of work but he could do so He could log into our system because we had given him facilities to do so and check what was going on regarding the development of the software. So around September 2003 Mr. Callus could show to his potential clients the PowerPoint Demo that we had discussed and shown during our meetings, plus also the possibility to log into our system and follow the development of the software which, at that stage until September 2003 was still being developed.*

Huwa evidenti minn din ix-xhieda li *commissioning* ta' l-*e-learning system* ma sarx ghaliex dak li gie pprovdut lis-socjetà konvenuta kien 'prodott' intiz ghall-evalwazzjoni ta' l-istess waqt li dan kien ghadu qed jigi zviluppat u ghall-fini ta' reklamar ta' l-istess ma klijenti prospettivi kull ma kellha a disposizzjoni taghha is-socjetà konvenuta kien biss Power Point Demo u mhux 'prodott komplut', ossia l-*e-learning system* debitament *commissioned.*

Konferma tal-fatt li l-*commissioning* ta' l-*e-learning system* in kwistjoni ma sarx tohrog mir-Rapport tal-Perit Tekniku l-Avukat Dottor Martin Bajada li appuntu kkonkluda li: *a. mill-kuntratt innifsu li jinsab anness bhala Dok SD a fol. 22 u mix-xhieda ta' Stephen D'Alessandro a fol. 42 u l-email annessa a fol. 61, jirrizulta fic-car li l-ftehim huwa partnership agreement ghaz-zvilupp ta' web-based e-learning system (il-prodott), esklussivament fit-territorju Malti u Libjan, mis-socjetà Computer Domain Limited u mhux software sales*

[14] Fol. 45 sa' 52 tal-process.

*agreement. b. Li l-web-based e-learning system (il-prodott) qatt ma giet commissioned kif jirrizulta mix-xhieda ta' Nemanja Nikolic (E Business Ltd.) a fol. 51. c. Li waqt li qatt ma gie commissioned, il-prodott, fl-opinjoni ta' l-esponent, kif jirrizulta mix-xhieda kien f'stadju avanzat ta' zvilupp*[15], kif ukoll mix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012[16] fejn iddikjara: *meta fil-konkluzzjonijiet tieghi ghedt li l-prodott li kellha tlesti s-socjetà attrici ghas-socjetà konvenuta ma giex commissioned, nispjega li l-ewwelnett hawn kellha issir a virtual website u rrid nghid li ghalkemm il-progett kien miexi u fi stadju avvanzat sew, u l-izvilupp kien qed issir, ma kienx gie commissioned fis-sens li ma kienx gie attwat biex ikun accessibbli ghall-pubbliku. Dan fil-fatt kien prodott ta' e-learning, fejn ghandek letterlament virtual class. Fuq domanda tal-Qorti nispecifika li xoghol tas-socjetà attrici kien fil-fatt jikkonsisti fil-holqien u zvilupp ta' software.* ***Is-socjetà konvenuta fil-pussess taghha kellha dawk li jissejhu beta versions, jigifieri ma jkunux l-verzjonijiet finali, fil-fatt il-verzjoni finali kienet tkun il-commissioned version***[17].

Il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kontendenti permezz ta' l-iskrittura privata datata 16 ta' Gunju 2003 jitkellem car: *in view of the role of the parties envisaged in this agreement, CDL is to pay a one-time fee of FOUR THOUSAND MALTESE LIRI (Lm4,000) for the rights envisaged in this agreement and is subsequently to bill clients directly for the e-learning products sold. It is to pay forty percent of this amount upon signing this agreement with the remaining balance being settled upon commissioning of the e-learning system*[18]. Il-hlas tal-bilanc mis-somma totali ta' Lm4,000 kellu jigi effettwat biss una volta li jkun hemm *commissioning of the e-learning system.* Sakemm ma jkunx hemm tali *commissioning* l-obbligu tal-hlas u d-dritt korrispettiv tar-ricezzjoni tal-bilanc imsemmi ma jiskattax u dana del resto skond il-principju guridiku li jirregola l-kondizzjoni sospensiva kif enuncjat fl-Artikolu 1063 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *il-kondizzjoni sospensiva hija dik illi taghmel l-ezistenza ta' l-obbligazzjoni tiddependi minn grajja li ghad trid tigi u li mhix zgura. L-obbligazzjoni taht kondizzjoni sospensiva ma tezistix qabel ma l-grajja tigri.*

Ghalkemm l-*e-learning system* in kwistjoni setghet kienet fi stadju avvanzat ta' zvilupp b'daqshekk ma jfissirx li sehhet il-kondizzjoni espressament miftiehma bejn il-partijiet kontendenti ghall-hlas tal-bilanc u dana ghas-semplici fatt illi stadju avvanzat ta' zvilupp ma huwiex u qatt ma jista' jigi kkunsidrat bhala *commissiong of the e-learning system.* Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tqis li s-socjetà attrici ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li hija kreditrici tas-socjetà konvenuta fl-ammont minnha pretiz u ghaldaqstant it-talba attrici kif dedotta fil-konfront tas-socjetà konvenuta mhux gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

---

[15] Rapport a fol. 138 sa' 149 tal-process.
[16] Fol. 261 tal-process.
[17] Enfasi tal-Qorti.
[18] Sottolinear tal-Qorti.

Trattata t-talba attrici jehtieg issa tigi trattata l-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta.

Permezz tal-Kontro-Talba avvanzata minnha s-socjetà konvenuta titlob li s-socjetà attrici tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Lm1,840, illum ekwivalenti ghal €4,286.04, rapprezentanti d-danni sofferti minnha peress illi is-socjetà attrici qatt ma hejjiet u konsegwentement qatt ma kkonsenjatilha is-*software*, ossia l-*e-learning system*, li bi skrittura privata datata 16 ta' Gunju 2003 kienet intrabet li tbiegh lilha u ghal liema kienet hallset is-somma ta' Lm1,840 akkont. Is-socjetà attrici tilqa' ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) it-talbiet imressqa bil-Kontro-Talba huma rritwali u nulli stante li t-talba hekk kif proposta ghad-danni ma tregix; (ii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet imressqa fil-Kontro-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li in forza tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 2003 hija bieghet lis-socjetà konvenuta xi *software* kif minnha allegat; (iii) dejjem bla pregudizzju ghal dak appena eccepit, it-talbiet imressqa fil-Kontro-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li in forza tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 2003, is-socjetà konvenuta hallset is-somma ta' Lm1,840 ghal prodott li qatt ma nghata lilha; (iv) bla pregudizzju ghal tali eccezzjonijiet, it-talbiet imressqa fil-Kontro-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjetà konvenuta peress illi l-istess socjetà kellha kull dritt li tittermina l-ftehim u dana ai termini tal-Klawsola Numru 7 ta' l-istess ftehim; u (v) bla pregudizzju ghal dak kollu eccepit, it-talbiet imressqa fil-Kontro-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma kontradittorji meta kkomparati man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet imressqa mill-istess socjetà konvenuta.

Huwa bil-wisq evidenti li s-socjetà konvenuta tibbaza l-Kontro-Talba taghha fuq il-pretensjoni ta' inadempjenza kontrattwali da parte tas-socjetà attrici. Is-socjetà attrici tikkontendi *inter alia* li t-talba rikonvenzjonali ma tistax tigi milqugha ghar-raguni li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà konvenuta, hija qatt ma ftehmet ma' l-imsemmija socjetà li tbieghilha *software* u l-istess socjetà ma hallset ebda ammont akkont versu tali bejgh ta' *software*. Oltre hekk is-socjetà attrici tikkontendi wkoll li t-talba rikonvenzjonali ma tistax tigi milqugha in kwantu t-talba ghad-danni kif impostata ma tregix.

Bhala fatt mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm originarjament kien hemm l-intenzjoni li s-socjetà konvenuta takkwista *e-learning system* minghand is-socjetà attrici[19], maz-zmien gie deciz li tinholoq forma ta' kollaborazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet liema decizjoni kkulminat fil-ftehim datat 16 ta' Gunju 2003, bis-sahha ta' liema gie miftiehem *inter alia* li s-socjetà konvenuta tkun l-agent esklussiv fit-territorju ta' Malta u l-Libja ta' dan l-*e-learning system* zviluppat mis-socjetà attrici u li in konnessjoni ma' dan il-ftehim is-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta'

[19] Vide e-mail ta' Stephen D'Alessandro lil Nicholas Callus a fol. 61 tal-process.

Lm4,000, 40% minn liema thallas mal-firma ta' l-iskrittura privata bir-rimanenti bilanc jithallas mal-*commissioning* ta' l-*e-learning system*, u li *once the master system is developed and commissioned CDL will be given FREE OF CHARGE a client version for its own use, for which it will only be bound to pay hosting and maintenance fees as per Appendix 2.*

Ghalkemm tali ftehim ma jikkontemplax bejgh effettiv ta' l-*e-learning system* li kellu jigi zviluppat mis-socjetà attrici bla dubju ta' xejn l-imsemmija zewg socjetajiet dahlu fi ftehim bilaterali bejniethom fejn kull wahda minnhom – u dana anke fir-rigward tal-hlas tas-somma Lm4,000 kontemplat u stipulat fl-imsemmi ftehim – assumiet obbligi specifici fir-rigward ta' l-ohra. Dak li trid tara l-Qorti ghalhekk huwa dwar jekk kienx hemm inadempjenza kontrattwali da parte tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta u konsegwentement ghandhiex l-imsemmija socjetà konvenuta jedd ghall-hlas tad-danni minnha pretizi fl-ammont ta' Lm1,840, illum ekwivalenti ghal €4,286.04.

Huwa minnu li hawnhekk il-Qorti qed tezamina l-ezistenza ta' jedd li ma jidholx sewwa fit-talba rikonvenzjonali kif avvanzata mis-socjetà Rikorrenti izda huwa principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li *jinsab provdut fl-Artikolu 214 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi "fl-ewwel grad, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi pruvat jekk iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ipprovat, fuq l-istess citazzjoni." Dan hu hekk logiku gjaladarba a kuntrarju ta' dak li nsibu fl-Artikolu 156 tal-Kap.12 riferibilment ghac-citazzjoni, li di solitu hi rizervata ghal proceduri fil-qrati superjuri, fil-kaz tal-qrati l-ohra fuq imsemmija fil-kompetenza taghhom inferjuri c-citazzjoni ossija l-avviz jibbasta li jikkontjeni fih, oltre l-firma tar-Registratur, "l-isem, u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher" (Art. 171(1) Kap.12). Minn dawn id-disposizzjonijiet huwa bil-wisq evidenti illi "il-qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz" – Francis Fenech v. Joyce Restall et, Appell Sede Inferjuri, 29 ta' Mazru 1982; Donald Darmanin v. Direttur tal-Portijiet, Appell Sede Inferjuri, 9 ta' Novembru 1977*[20].

Kif appena osservat is-socjetà konvenuta obbligat ruhha li thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' Lm4,000 *in view of the role of the parties envisaged in this agreement,* minn liema ammont 40% thallas mal-firma tal-ftehim tas-16 ta' Gunju 2003 bil-bilanc ikun dovut *upon commissioning of the e-learning system.* Jirrizulta ghalhekk li a sua volta s-socjetà attrici obbligat ruhha a favur is-socjetà konvenuta li tipprovdiha b'*commissioned version* ta' l-*e-learning*

[20] Anthony Farrugia v. Anthony Vella, Appell Civili Nru. 860/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2002.

*system* in kwistjoni. Il-fatt li s-socjetà konvenuta effettivament tigi provduta *b'commissioned version of the e-learning system* kien fattur centrali ghat-twettiq tal-ftehim milhuq bl-iskrittura privata datata 16 ta' Gunju 2003 ghaliex fl-assenza ta' tali *commissioned version* ta' l-*e-learning system* – u allura versjoni effettivament funzjonanti u li tista' titwettaq u tintuza mill-pubbliku – is-socjetà konvenuta ma setghetx twettaq kif suppost ir-rwol taghha ta' *exclusive agent* ghall-*marketing, distribution* u *sale* ta' dan il-*web-based e-learning system.*

Bhala fatt, kif già iktar 'l fuq konstatat u konkluz f'din is-sentenza, il-*commissioning* ta' l-*e-learning system* a favur is-socjetà konvenuta baqa' ma sarx mis-socjetà attrici tant illi t-talba taghha ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm,2832 ghandha tigi michuda. B'hekk il-ftehim bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta ma setax jigi attwat fl-intier tieghu ghaliex il-parti centrali u essenzjali ghat-twettiq ta' tali ftehim baqghet ma saritx – jew ahjar baqghet ma gietx konkluza – mis-socjetà attrici. Is-socjetà attrici ma ressqitx provi sodisfacenti li juru li l-ftehim in kwistjoni ma setghax jigi attwat minhabba tort tas-socjetà konvenuta, prova li kienet fl-obbligu li tressaq una volta gie stabbilit u kkonfermat li s-socjetà konvenuta baqghet ma gietx provduta b'*commissioned version* ta' l-*e-learning system.* B'hekk fil-fehma tal-Qorti tirrizulta inadempjenza kontrattwali da parte tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta, bil-konsegwenza ghalhekk li s-socjetà konvenuta ghandha dritt gha-danni minnha pretizi fil-Kontro-Talba taghha.

Dawn l-osservazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet tal-Qorti jsibu konferma fil-principji enuncjati f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali bhal ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Max Joseph Ganado noe v. Dr. Philip Sciberras noe**, **Citaz. Nru. 1658/85** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti osservat illi *fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilità contrattuale (kif inhu l-kaz odjern) l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa* ***l-konvenut li ghandu l-oneru ta' prova l-iktar difficili impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll***[21] [fil-kuntest tal-Kontro-Talba dan japplika ghas-socjetà attrici][22] u fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Attard v. Carmela Frendo et, Citaz. Nru. 523/83** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti qalet: *issa* ***fil-kaz ta' inadempjenza ta' l-obbligazzjoni, il-kreditur intiz fis-sens lat, ghandu zewg toroq x'jaghzel. Jew jitlob in forma specifika l-adempiment u l-harsien ta' l-obbligazzjoni da parte tal-konvenuti,***

[21] Enfasi ta' din il-Qorti.
[22] Vide wkoll is-sentenza fl-ismijiet MALTA TICKET.com Limited v. Emanuel sive Noel Magri,Appell Civili Nru. 512/09 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Settembru 2015.

***debituri ta' l-obbligazzjoni, jew jitlob ir-rizarciment tad-danni***[23]. ... *Del resto l-Artikolu 1125 jissanzjona illi '**kull min jonqos li jesegwixxi l-obbligazzjoni li huwa jkun ikkontratta, hu obbligat ghad-danni**.[24]' Dan hu dak li qed jitlob l-attur bl-azzjoni tieghu.*

Fil-fehma tal-Qorti dan l-ahhar principju hawn citat juri bic-car ukoll l-infondatezza ta' eccezzjoni ohra li s-socjetà attrici tressaq fil-konfront tal-Kontro-Talba avvanzata mis-socjetà konvenuta u cioè li ebda ammont ma huwa dovut lis-socjetà konvenuta ghaliex kellha kull dritt tittermina l-ftehim ai termini tal-Klawsola 7 ta' l-iskrittura privata datata 16 ta' Gunju 2003. Kif appena osservat f'kaz ta' inadempjenza kontrattwali l-kreditur ghandu a disposizzjoni tieghu iktar minn rimedju wiehed u wiehed mir-rimedji disponibbli lilu huwa appuntu r-rimedju tal-hlas tad-danni.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li assolutament ma tistax tifhem fuq liema bazi s-socjetà attrici teccepixxi li l-Kontro-Talba u l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta huma kontradittorji ghal xulxin. Ghalkemm fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà attrici tikkontendi li *l-linja difensjonali mehuda mis-socjetà konvenuta hija kontradittorja fiha nfisha – ma tistax tghid illi l-prodott kellu difett u fl-istess waqt tghid illi dan qatt ma gie kkonsenjat. Aktar minn hekk is-socjetà konvenuta baqghet qatt ma kkjarifikat jew ahjar ghazlet linja difensjonali vera u proprja f'dan is-sens u ghalhekk, l-inkompatibilità bejn l-istess eccezzjonijiet mressqa kif ukoll meta dawn komparati mal-kontro-talba taghha stess hija wahda lampanti*[25], is-socjetà konvenuta fl-ebda hin ma tghid li l-'prodott' meritu tan-negozju bejnha u s-socjetà konvenuta kien difettuz izda tghid li ma kienx tal-kwalità pattwita u konsegwentement il-'prodott' lilha mwieghed qatt ma gie kkonsenjat lilha, intiz dan kollu fis-sens – kif del resto debitament ippruvat – li s-socjetà attrici baqghet qatt ma pprovdiet lis-socjetà konvenuta b'*commissioned e-learning system* u b'hekk effettivament qatt ma pprovdiet bil-'prodott' kif imwieghed.

Il-Qorti ma tara l-ebda kontradizzjoni bejn l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta ghat-talba attrici u l-Kontro-Talba taghha kontra s-socjetà attrici u ghaldaqstant din l-eccezzjoni tas-socjetà attrici ghall-Kontro-Talba wkoll ma jisthoqqx li tigi milqugha in kwantu ghal kollox ingustifikata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta ghat-talba attrici u konsegwentement tichad it-talba attrici kif dedotta fil-konfront tas-socjetà konvenuta;
2. Tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà attrici ghall-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta u konsegwentement tilqa' l-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta u tikkundanna lis-socjetà attrici thallas lis-socjetà konvenuta

[23] Enfasi ta' din il-Qorti.
[24] Enfasi ta' din il-Qorti.
[25] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici, fol. 104 tal-process.

is-somma ta' €4,286.04, ekwivalenti ghal Lm1,840, in linea ta' danni in vista ta' l-inadempjenza kontrattwali tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta, bl-imghax legali dekoribbli mill-15 ta' Gunju 2005, id-data tan-notifika tan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u kontestwali Kontro-Talba lis-socjetà attrici, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluz naturalment dawk relattivi ghall-Kontro-Talba, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**